TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 93/15/F

**Nichola u Omar Dimech**

**vs**

**Gasan Zammit Motors Ltd**

Illum 22 t'Ottubru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 t'April, 2015 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), rappreżentanti diversi tiswijiet li saru fuq il-*power steering* illi wara rriżulta li kien difettuż u li ġie mibdul b'xejn.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi huma kienu ħadu l-vettura tagħhom għat-tiswija u wara li saret it-tiswija kien hemm il-*power steering indicator* li baqgħet tixgħel, illi kienet bozza li turi li kien hemm problema fil-*power steering,* u minkejja li għamlu diversi tiswijiet, u li ħallset mija u ħamsin ewro (€150) xorta baqgħet bl-istess problema. Fil-fatt wara li sar id-*diagnostic test* irriżulta li l-*power steering* kien difettuż u tawha wieħed ġdid b'xejn.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' ntimata debitament notifikata u msejħa tlett darbiet ma dehritx u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota illi sal-ħin tas-seduta, s-soċjeta' ntimata ma ssottomettiet ebda risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' l-verżjoni tar-rikorrenti, u ra li t-talba ma ġietx ikkontestata, jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888